Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2005

Citazzjoni Numru. 365/1997/1

**Matilde armla ta' Anthony Balzan f'isimha proprju u bhala legittima rapprezentanti ta' bintha minuri Christine Balzan u Marika Balzan**

**VS**

**Saviour u Mary Violet konjugi Brincat u Joseph u Antonia konjugi Cuschieri**

**I**
**I-Qorti**

**Preliminari**

Rat citazzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi a fol 3;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Cuschieri a fol 22 u tal-konvenuti Brincat a fol 32;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet lill Avukat difensuri jittrattaw;

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Skond verbal tal-24 ta’ Gunju, 2005, il-kawza thalliet ghal lum ghas-sentenza dwar il-kwistjoni ta’ l-interess guridiku ta’ l-atturi.

Illi fil-kors tal-kawza, kien sar rikors (ara fol 168) minn Joseph Muscat u martu Mary Anne Muscat Scerri, fejn, wara li ppremettew li huma kienu xtraw minghand l-atturi l-fond mertu ta’ l-istess kawza inkluz il-garage, liberi u franki bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha taghhom, inkluza l-arja relattiva, u stante li huma kellhom interess guridiku li jassumu l-atti tal-kawza minflok l-atturi, talbu li jigu awtorizzati a tenur ta’ l-artikolu 810A tal-Kap 12, li jassumu l-vesti ta’ atturi f’dina l-kawza.

Il-Qorti, b’digriet tat- 28 ta’ Frar 2005, (ara fol 187) kienet cahdet din it-talba, stante li mid-dokumenti ezibiti, ma kienx jirrizulta li l-atturi cedew lir-rikorrenti l-jedd litigjuz, anzi fil-kuntratt tal-bejgh inghad li l-propjeta’ kienet qed tigi trasferita hielsa minn requisition order, ipoteki u/jew litigazzjoni.

Fil 4 ta’ April 2005, (ara fol 190) il-konvenuti pprezentaw rikors fejn, wara li ppremettew li l-atturi kienu iddisponew mill-fond mertu tal-kawza, huma ma kienx ghad baqghalhom interess guridiku fil-kawza, u ghalhekk talbu li jipprezentaw eccezzjoni ulterjuri f’dan is-sens. B’digriet tal 25 ta’ April 2005 dina l-Qorti kienet awtorizzat lill konvenuti jipprezentaw dina n-nota ulterjuri (ara fol 192).

Imbaghad il-Qorti kienet semghet lill Joseph Cuschieri, lill attrici Matilde Balzan u lill Joseph Muscat.

Joseph Cuschieri xehed li wara li l-atturi bieghu l-propjeta’ mertu tal-kawza, nbnew il-pilastri fit-tarf tal-propjeta’ taghhom, wiehed naha, u l-iehor in-naha l-ohra, u l-parti, li kellhom il-kwistjoni fuqha, hallewha barra, u bnew fejn hu qed jghid li huwa taghhom.

Matilde Balzan xehdet li fil-kuntratt tat-trasferiment lill Muscat Scerri, hija kienet taghthom l-art u l-common area, u kienu qalulhom li kien hemm problema, u li kienet ser terfa r-responsabilita u tibqa’ tidher f’din il-kawza. Dan l-intendiment pero’ ma tnizzilx fil-kuntratt imma kien hemm ftehim bejnithom. Hi riedet tiggarantixxi l-pacifiku pussess. Dwar il-pilastru qalet li kienet waqghetu t-tifla bil-karozza u regghet bnietu qabel harget biex titrasferixxi il-post komplut kif suppost lill Muscat. Hi ma kinitx bnit il-pilastri l-barra billi dina hija common area.

Joseph Muscat Scerri xehed li huma kienu talbu biex jidhlu fil-kawza biex ikunu jistghu jmexxuha. Il-kolonna huma sabuhom hemm imma suppost qeghdin mat-triq. Suppost kellha tigi gate. Kemm ilu li xtara l-post ma kellux tfixkil biex jidhol fil-propjeta’ tieghu. L-attrici kienet qaltlu li fil-kuntratt taghha kellha l-common area bid-dritt ta’ passagg. Il-karozzi tat-tfal tal-konvenut Cuschieri qeghdin ipparkjati fuq parti tal-common area (ara ritratt Dok ZM 2 a fol 197).

**Kontestazzjoni**

Il-konvenuti qed jissottomettu li la l-atturi u lanqas ix-xerrejja godda, Muscat Scerri, m’ghandhom interess guridiku, attwali, billi l-konvenuti mhumiex qed jivvjolawlhom ebda dritt u mhux qed ifixklu lill propretarji godda milli access ghal post taghhom.

L-atturi jirritjenu li huma kienu ttrasferew lill Muscat Scerri l-bini bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tieghu, u dana jinkludi l-common area u l-art in kontestazzjoni. Fejn bena

l-konvenut Cuschieri, l-atturi jirritjenu li huwa common area, u ghalhekk huma gew molestati. L-atturi jsostnu li l-konvenut Cuschieri qed ipoggi karozzi fil-common area. Ghalhekk huma ghandhom l-obbligu tal-pacifiku pussess u jaraw li Muscat Scerri ma jigix molestat.

**Tikkunsidra**

Illi meta dina l-Qorti bid-degriet taghha tat- 28 ta’ Frar 2005, (ara fol 187) kienet cahdet it-talba ta’ Muscat Scerri biex jassumu l-atti minflok l-atturi dina l-Qorti kienet ibbazat id-decizjoni taghha fuq il-fatt li mid-dokumenti ezibiti kien jirrizulta li l-atturi ma kienux cedew lir-rikorrenti l-jedd litigjuz, anzi fil-kuntratt tal-bejgh inghad li l-propjeta’ kienet qed tigi trasferita hielsa minn requisition order, ipoteki u/jew litigazzjoni. Dan ifisser li l-atturi kienu qed jirriservaw id-dritt litiguz taghhom billi riedu jkomplu jsegwu l-kawza. Dan ikkonfermatu l-attrici Matilde Balzan, u tghat bhala raguni l-obbligu taghha li tiggarantixxi l-pacifiku pussess (ara sentenza Vol LXXIV p 497 Vella vs Sammut 10 ta’ April 1990). Dritt jitqies litiguz meta jkun hemm kawza kkontestata fuq jekk hemmx dak id-dritt.

Jigi rilevat li t-talba biex Muscat Scerri jidhlu fil-kawza kienet saret minnhom u mhux l-atturi, ghalkemm jidher li dawn kienu jafu li Muscat Scerri kienu ser jaghmlu dik it-talba.

Il-konvenuti qed jirritjenu li ma kkommettew ebda vjolazzjoni tad-drittijiet ta’ l-atturi jew ta’ Muscat Scerri, billi issa nbnew il-kolonni fit-tarf tal-propjeta’ ta dik li kienet propjeta’ ta’ l-atturi u l-parti, li kellhom il-kwistjoni fuqha, hallewha barra, u bnew fejn hu jghid li huwa taghhom.

Illi l-atturi cahdu li huma rrinunzjaw ghal xi dritt li kellhom u jikkontendu li fejn bena l-konvenut Cuschieri, hi common area, u ghalhekk ghadhom qed jigu molestati tant li l-konvenut Cuschieri ghadu qed jpoggi l-karozzi fil-common area.

Id-definizzjoni accettata fil-gurisprudenza nostrana ta' interess guridiku hija dika tal-Mortara li jghid li l-interess guridiku huwa " *l'utilita' finale della domanda gudiziale nel tema dell'asserita ezistenza o violazione del diritto".* Jekk l-azzjoni tkun inkapaci li tipproduci rizultat vantaggjuz jew utili ghal min jipproponiha jew jekk ir-rizultat, jew sentenza, ma jkunx jista' jigi usufrwit, dik l-azzjoni ma tistax tigi protetta. (Vol LXXVI p2 p 247).

L-interess irid ikun guridiku cjoe bazat fuq xi dritt pretiz lez tal-atturi. (Ara Vol 37 p3 p889; Vol LXXIV p3 p481; Mattirolo Vol 1 pag.50; Mortara Vol 11 p 588; Coen Vol 1 para 1 No.2) irid ikun dirett ( meta jezisti fil-kontestazzjoni jew fil-konsegwenzi taghha) u personali (fis sens li jirrigwarda l-attur) u jrid ikun konkret jew attwali cjoe jrid johrog minn stat attwali ta' vjolazzjoni ta' dritt ( Vol 32 p1 p540; p2 p 257). Ara wkoll sentenza ta' dina l-Qorti Citaz Nru: 1054/95GV Prokuratur Legali Albert Agius Ferrante et vs L-Avukat Dottor Anthony Cremona Barbaro et deciza fit 28 ta' Marzu 1996). L-interess guridiku irid jissussisti matul il-hajja ta' l-azzjoni. (App J.Sammut vs C.Attard 17/2/1993).

Illi f'dan l-istadju u f'dan l-istat tal-provi l-Qorti hi tal-fehma li l-atturi ghad ghandhom interess guridiku attwali biex jaraw li l-mertu tat talba taghhom jigi deciz.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi billi
Tichad l-eccezzjoni ulterjuri tal-kovenuti
Spejjez ghall konvenuti
U tiddifferixxi l-kawza ghall kontinwazzjoni ghad-9 ta' Novembru, 2005 fl-10.45 am.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------